**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 397/17 AL

AB
VS
CB

l-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg mal-intimata fit-13 ta' Gunju tas-sena 2008 (Dok. A).

Illi huma pprocedew ghas-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Malcom Mangion tat-30 ta' Marzu 2015 (Dok. B) izda ilhom de facto separati sa mid-9 ta' Marzu 2013 (vide klawsola 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni).
Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom tifla minuri li jisimha li llum ghandha sitt snin u ma hemm l-ebda problemi ta' manteniment dwar l-istess minuri.

Illi m'hemmx lok li l-partijiet jirrikonciljaw stante illi z-zewg partijiet ghandhom partners separati.

Illi l-partijiet huma ordinarjament residenti Malta.

Talab l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skont il-ligi, li kopja tad-digriet relattiv jigi komunikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan jigi debitament registrat skont il-ligi.

Rat in-nota guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat illi hija taqbel mat-talba ghad-divorzju u ikkonfermat :

A) Illi huma izzewwgu fit-13 ta' Gunju tas-sena 2008;
B) Illi isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Mangion tat-30 ta' Marzu 2015;
C) Illi ilhom de facto separati sa mid-9 ta' Marzu 2013;
D) Illi ghandhom tifla minuri li jisimha Brianna Marley li llum ghandha tmien snin;
E) Illi ma hemm l-ebda problemi ta'manteniment dwar l-istess minuri jew ma l-esponenti;
F) Illi m'hemmx lok li jirrikonciljaw;
G) Illi huma t-tnejn ordinarjament residenti f'Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Marzu 2015, izda ilhom de facto separati mid-9 ta' Marzu, 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.